MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 7/2000/1

Avviz Nru 7/00

Alfred u Michelina konjugi Axiaq

vs

Carmen Caruana

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni minnhom sofferti konsegwenza ta' incident stradali li gara fil-5 ta' Jannar 1999 fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq Hanaq, Nadur, Ghawdex, bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittra AAB-426 misjuqa mill-konvenuta u vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittri HAO-952 appartenenti lill-atturi u dan

prevja d-dikjarazzjoni li l-istess incident gara unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez  nkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Lulju 1999 u ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz lill-kumpanija assikuratrici.

Il-konvenuta mharka gha-subizzjoni li ghaliha minn issa qed tigi ngunta.

Ghall-fini ta’ kompetenza gie dikjarat li l-valur meritu ta’ din il-kawza ma jeccedix it-tliet mitt lira Maltin (Lm300).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmen Caruana li eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-incident tal-5 ta’ Jannar 1999 gara unikament tort ta’ Karen Spiteri li kienet qed issuq il-vettura proprjeta’  ta’ l-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet il-provi.

Ghamlet access fl-14 ta’ Marzu 2003.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Il-kawza titratta kollizjoni li grat biswit Triq Hanaq, in-Nadur. Abbinat ma’ l-iskizz hemm zewg ritratti, esebiti flimkien ma’ hamsa ohra (folio 30), liema zewg ritratti huma dawk markati ‘D’ u ‘E’ tergo, li jaghtu ideja tajba tal-konfigurazzjoni tal-lokal fejn sehhet il-kollizjoni. L-attrici

kienet issuq il-vettura HAO-952 minn Triq il-Knisja ser tidhol fi Triq il-Hanaq waqt li l-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura numru ta' registrazzjoni AAB-462 fi Triq il-Hanaq kienet bl-intenzjoni li taqsam ghad-direzzjoni opposta u tidhol fi Triq ix-Xhajma fid-direzzjoni ta' Victoria. Il-kollizzjoni sehhet fil-pjazzetta li fiha jikkonvergu t-tliet toroq fuq imsemmija. Grat precizament 'l hinn mill-istop sign li hemm fit-tarf ta' Triq il-Hanaq.

Illi kif din il-Qorti setghet tikkonstata waqt l-access hemm stop sign ohra fit-tarf ta' Triq il-Knisja, ossija t-triq minn fejn harget l-attrici, li pero', jirrizulta ovvju, kellha ssuq xi distanza, zghira kemm hi zghira, sabiex taccedi ghal gewwa Triq il-Hanaq.

Illi rrispettivament minn kollox hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-kollizjoni hi *res ipsa loquitur* u ghandu jirrizulta car li l-kawza prossima tal-incident kien tort tal-konvenuta. Dana qieghed jinghad stante li l-obbligu li tieqaf fuq l-istop sign u tibqa' wieqfa sakemm l-attrici tidhol fi Triq il-Hanaq kien jinkombi lilha. Hi kellha vizwali mhux ostakolata tal-vetturi emergenti minn Triq il-Knisja u l-fatt li l-attrici kienet gja oltre passat l-istop sign ta' Triq il-Knisja u kienet gja qed titransita l-pjazzetta ma jaghti lok ghall-ebda dubbju dwar il-htija taghha. Anki d-danni fil-vetturi, deskritti fl-okkorrenza (folio 28), jaghtu konferma ta' dan. Ma jistax ikun minnu allura, u f'kull kaz hu ghall-kollox inverosimili, li l-konvenuta, kif stqarret, kienet wieqfa fil-mument tal-kollizjoni u l-attrici dahlet fiha.

Ghalhekk tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi issib li l-kollizjoni grat unikament tort il-konvenuta li kwindi hi tenuta thallas id-danni. Tilqa' ghaldaqstant it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm262.62) bl-imghax dekoribbli mill-prezentata tac-citazzjoni.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-konvenuta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------